KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
NORKUS
ippreżentati fis-6 ta' Marzu 2025 [1]

Kawża C-206/24

YX,
Logística i Gestió Caves Andorranes i Vidal SA
vs
Ministre de l'Économie, des Finances et de la Relance,
Directeur général des douanes et droits indirects

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Cour de cassation (il-Qorti tal-Kassazzjoni, Franza))

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari –Unjoni doganali – Rimbors jew maħfra ta' dazji fuq l-importazzjoni jew fuq l-esportazzjoni – Regolament (KEE) Nru 1430/79 – Kodiċi Doganali tal-Unjoni – Regolament (UE) Nru 952/2013 – Kundizzjonijiet għar-rimbors *ex officio* – Terminu ta' tliet snin mid-data tan-notifika tad-dejn doganali – Konoxxenza, mill-awtoritajiet doganali, tal-identità tal-operaturi kkonċernati kif ukoll tal-ammont li għandu jiġi rrimborsat lil kull wieħed minnhom, mingħajr il-bżonn ta' riċerki fil-fond – Dritt għal amministrazzjoni tajba"

I. Introduzzjoni

1. Din it-talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Qorti tal-Kassazzjoni (Franza) skont l-Artikolu 267 TFUE għandha bħala għan l-interpretazzjoni tal-Artikolu 2(2) tar-Regolament (KEE) tal-Kunsill Nru 1430/79 tat-2 ta' Lulju 1979 dwar ir-rimbors jew il-maħfra tad-dazji fuq l-importazzjoni jew l-esportazzjoni [2], kif emendat bir-Regolament (KEE) tal-Kunsill Nru 3069/86 tas-7 ta' Ottubru 1986 [3] (iktar 'il quddiem ir-"Regolament Nru 1430/79"), u tat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 236(2) tar-Regolament (KEE) tal-Kunsill Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità [4] (iktar 'il quddiem il-"Kodiċi Doganali tal-Komunità").

2. Din it-talba tressqet fil-qafas ta' kawża bejn YX u Logística i Gestió Caves Andorranes i Vidal SA, li kienet Caves Andorranes SA (iktar 'il quddiem "Caves Andorranes"), kumpannija taħt il-liġi Andorrana u l-ministre de l'Économie, des Finances et de la Relance (il-Ministru għall-Ekonomija, għall-Finanzi u għall-Irkupru, Franza) u d-directeur général des douanes et droits indirects (id-Direttur Ġenerali tad-Dwana u Dazji Indiretti, Franza) dwar ir-rimbors *ex officio* ta' dazji doganali riċevuti indebitament. Id-dazji doganali inkwistjoni ġew imposti

[1] Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

[2] ĠU 1979, L 175, p. 1.

[3] ĠU 1986, L 286, p. 1.

[4] ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 4, p. 307.

minħabba applikazzjoni żbaljata tar-regoli doganali, li ġiet skoperta u kkorreġuta snin wara. F'dan ir-rigward, l-awtoritajiet Franċiżi jsostnu essenzjalment li ma kinux f'pożizzjoni li jidentifikaw huma stess l-impriżi kkonċernati minn din il-prassi amministrattiva u lanqas li jistabbilixxu l-ammonti li għandhom jiġu rrimborsati. Barra minn hekk, fl-opinjoni tagħhom, id-dritt li titlob rimbors huwa suġġett għal termini stabbiliti mil-leġiżlazzjoni doganali. Permezz tar-rikors tagħha kontra r-rifjut li jingħata r-rimbors tad-dazji doganali inkwistjoni, Caves Andorranes tikkontesta dan l-argument.

3. Il-partijiet fil-kawża b'hekk esprimew pożizzjonijiet diverġenti f'dak li jirrigwarda kemm il-portata tal-obbligi ta' investigazzjoni tal-awtoritajiet doganali kif ukoll it-terminu ta' dekadenza ta' tliet snin li d-dritt tal-Unjoni jipprevedi għall-proċedura amministrattiva ta' rimbors. Din il-kawża toffri lill-Qorti tal-Ġustizzja l-okkażjoni li tiddeċiedi dwar il-ħtieġa li terġa' tiġi stabbilita sitwazzjoni konformi mad-dritt tal-Unjoni, għall-benefiċċju tal-impriża li sofriet id-dannu, anki jekk ikun għadda perijodu ta' żmien kunsiderevoli minn meta seħħ il-ksur amministrattiv. Fis-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tispjega l-mod li bih dan il-għan jista' jiġi rrikonċiljat mal-interessi taċ-ċertezza legali u tal-funzjonament tajjeb tal-amministrazzjoni tad-dazji.

II. Il-kuntest ġuridiku

A. Ir-Regolament Nru 1430/79

4. Id-disa' premessa tar-Regolament Nru 1430/79 kienet taqra kif ġej:

"Billi l-kundizzjonijiet l-oħra sostantivi u proċedurali li għandhom jiġu ssodisfatti għall-għoti tar-rimbors jew tal-maħfra tad-dazji fuq l-importazzjoni jew fuq l-esportazzjoni għandhom jiġu speċifikati; billi għandhom b'mod partikolari jiġu stabbiliti t-termini li matulhom l-persuna kkonċernata tista' tressaq talba għal dan il-għan quddiem l-awtoritajiet kompetenti […]."

5. L-Artikolu 1 ta' dan ir-regolament kien jistipula:

"1. Dan ir-regolament jistabbilixxi l-kundizzjonijiet li taħthom l-awtoritajiet kompetenti jagħtu r-rimbors jew il-maħfra tad-dazji fuq l-importazzojni jew fuq l-esportazzjoni.

2. Skont dan ir-regolament,

[…]

e) 'dħul fil-kontijiet' ifisser: l-att amministrattiv li permezz tiegħu huwa stabbilit kif xieraq l-ammont tad-dazji fuq l-importazzjoni jew tad-dazji fuq l-esportazzjoni li għandhom jinġabru mill-awtoritajiet kompetenti;

[…]"

6. L-Artikolu 2 tal-imsemmi regolament kien jistipula:

“1. Ikun hemm rimbors jew maħfra tad-dazji fuq l-importazzjoni sa fejn l-awtoritajiet kompetenti huma ssodisfatti li l-ammont ta’ dawn id-dazji mdaħħla fil-kontijiet:

huwa relatat ma’ merkanzija li fil-konfront tagħha ma tnissel l-ebda dejn doganali jew li tħallas b’xi mod ieħor minbarra l-pagament tal-ammont tiegħu jew permezz tal-preskrizzjoni,

jeċċedi, għal kwalunkwe raġuni, l-ammont legalment dovut.

2. Ir-rimbors jew il-maħfra tad-dazji fuq l-importazzjoni għal waħda mir-raġunijiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandu jingħata fuq talba mressqa quddiem l-Uffiċju tad-Dwana kkonċernat qabel l-iskadenza tat-terminu ta’ tliet snin b’effett mid-data tad-dħul fil-kontijiet tal-imsemmija dazji mill-awtorità inkarigata mill-ġbir tagħhom.

Dan it-terminu ma jistax jiġi estiż, ħlief jekk il-persuna kkonċernata tipprova li ma setgħetx tressaq it-talba tagħha fl-imsemmi terminu b’riżultat ta’ ċirkustanzi imprevedibbli jew ta’ *force majeure*.

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jipproċedu *ex officio* għar-rimbors jew għall-maħfra meta jikkonstataw huma stess, matul dan it-terminu, l-eżistenza ta’ waħda mis-sitwazzjonijiet deskritti fil-paragrafu 1.”

7. L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 15 tal-istess regolament kien jipprevedi:

“Ir-rimbors jew il-maħfra tad-dazji fuq l-importazzjoni jew fuq l-esportazzjoni huwa mogħti biss lill-persuna li ħallset dawn id-dazji jew li hija obbligata tħallashom, jew lill-persuni li akkwistaw id-drittijiet u l-obbligi tagħha.”

8. It-tieni paragrafu tal-Artikolu 16 tar-Regolament Nru 1430/79 kien jistipula:

“It-talba għandha tinkludi l-provi kollha li jkollha l-persuna li tressaq it-talba, sabiex tippermetti lill-awtoritajiet kompetenti jiddeċiedu fuq din it-talba fid-dawl tal-motivi invokati minnha. Jekk jidhrilhom neċessarju, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jistabbilixxu terminu lill-persuna li tressaq it-talba għall-provvista ta’ provi addizzjonali.”

9. Dan ir-regolament tħassar permezz tal-Artikolu 251 tal-Kodiċi Doganali tal-Komunità.

B. Il-Kodiċi Doganali tal-Komunità

10. L-Artikolu 236 tal-Kodiċi Doganali tal-Komunità kien jistipula:

“1. Dazji fuq l-importazzjoni jew dazji fuq l-esportazzjoni għandhom jitħallsu lura sakemm jiġi stabbilit li[,] meta kien tħallas l-ammont ta’ dawk id-dazji[,] ma kienx legalment dovut jew li dak l-ammont iddaħħal fil-kontijiet bi ksur tal-Artikolu 220(2).

Dazji fuq l-importazzjoni jew dazji fuq l-esportazzjoni għandhom jintbagħtu sakemm jiġi stabbilit li[,] meta kienu ddaħħlu fil-kontijiet l-ammont ta’ dawk id-dazji[,] ma kienx legalment dovut jew li dak l-ammont iddaħħal fil-kontijiet bi ksur tal-Artikolu 220(2).

Ebda ħlas lura jew maħfra m'għandha tingħata meta l-fatti li wasslu għall-ħlas jew daħla fil-kontijiet ta' ammont li ma kienx legalment dovut kienu r-riżultat ta' azzjoni maħsuba mill-persuna involuta.

2. Dazji fuq l-importazzjoni jew dazji fuq l-esportazzjoni għandhom jitħallsu lura jew jintbagħtu malli tiġi preżentata applikazzjoni lill-uffiċċju doganali xieraq fi żmien tliet snin mid-data li fiha l-ammont ta' dawk id-dazji kien ġie kkomunikat lid-debitur.

Dak il-perjodu għandu jiġi estiż jekk il-persuna interessata tipprovdi evidenza li ma kinitx tħalliet tippreżenta l-applikazzjoni tagħha fil-perjodu msemmi b'riżultat ta' ċirkostanzi imprevedibbli jew ta' forza maġġuri.

Fejn l-awtoritajiet doganali stess jiskopru matul dan il-perjodu li sitwazzjoni jew oħra deskritta fl-ewwel u t-tieni subparagrafi tal-paragrafu 1 jeżistu, għandhom iħallsu lura jew jibagħtu l-flus fuq inizjattiva tagħhom stess."

11. Skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 253 dan il-kodiċi kien applikabbli b'effett mill-1 ta' Jannar 1994.

12. Dan il-kodiċi tħassar permezz tal-Artikolu 186 tar-Regolament (KE) Nru 450/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2008 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju (Kodiċi Doganali Modernizzat) (ĠU 2008, L 145, p. 1), li huwa stess tħassar permezz tal-Artikolu 286 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU 2013, L 269, p. 1, u rettifiki fil-ĠU 2013, L 287, p. 90 u ĠU 2016, L 267, p. 2, iktar 'il quddiem il-"Kodiċi Doganali tal-Unjoni").

C. Il-Kodiċi Doganali tal-Unjoni

13. L-Artikolu 116 tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni jistipula:

"1. Soġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'din it-Taqsima, l-ammonti tad-dazju tal-importazzjoni jew esportazzjoni għandhom jitħallsu lura jew jinħafru għal kwalunkwe waħda mir-raġunijiet li ġejjin:

a) ammonti ta' dazju tal-importazzjoni jew esportazzjoni mitluba żejda;

[…]

4. Soġġett għar-regoli ta' kompetenza għal deċiżjoni, fejn l-awtoritajiet doganali nfushom jiskopru fil-perijodi msemmija fl-Artikolu 121(1) li ammont ta' dazju tal-importazzjoni jew esportazzjoni jista' jitħallas lura jew jinħafer skont l-Artikoli 117, 119 jew 120 huma għandhom iħallsu lura jew jaħfru fuq l-inizjattiva tagħhom stess.

[…]"

14. L-Artikolu 117(1) ta' dan il-Kodiċi jistipula:

"Ammont ta' dazju tal-importazzjoni jew esportazzjoni għandu jitħallas lura jew jinħafer sakemm l-ammont li jikkorrispondi għad-dejn doganali fin-notifika oriġinali jeċċedi l-ammont li jrid

jitħallas, jew id-dejn doganali kien notifikat lid-debitur kuntrarjament għall-punti (c) jew (d) tal-Artikolu 102(1).”

15. L-Artikolu 121 tal-imsemmi Kodiċi, intitolat “Proċedura għal ħlas lura u maħfra”, jistipula, fil-paragrafu 1 tiegħu:

“L-applikazzjonijiet għal ħlas lura jew maħfra skont l-Artikolu 116 għandhom jkunu ippreżentati lill-awtoritajiet doganali fil-perijodi li ġejjin:

a) fil-każ ta’ ammonti ta’ dazju tal-importazzjoni jew esportazzjoni fejn intalab ħlas żejjed, […] fi żmien tliet snin mid-data tan-notifika tad-dejn doganali;

[…]

Il-perijodu speċifikat fil-punti (a) u (b) tal-ewwel subparagrafu għandu jkun estiż jekk l-applikant jagħti prova li nżamm milli jissottometti applikazzjoni fiż-żmien speċifikat minħabba ċirkostanzi imprevidibbli jew *force majeure*.”

16. Skont l-Artikolu 288(2) tiegħu, id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni imsemmija fit-tliet punti preċedenti ta’ dawn il-konklużjonijiet japplikaw b’effett mill-1 ta’ Mejju 2016.

III. Il-fatti li wasslu għall-kawża, il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

17. Bejn is-snin 1988 u 1991, xi importaturi Andorrani importaw f’Andorra, permezz tal-kumpannija Ysal, aġent tad-dwana stabbilita fi Franza, merkanzija li kienet ġejja, b’mod partikolari, minn pajjiż terz. Dawn l-importazzjonijiet taw lok għall-ħlas ta’ dazji fi Franza. Fil-fatt, f’dan il-perijodu, l-awtoritajiet doganali Franċiżi kienu jirrikjedu li l-merkanzija ġejja minn pajjiż terz lejn l-Andorra għandha tiġi rrilaxxata għal ċirkulazzjoni ħielsa meta tidħol fit-territorju Franċiż.

18. Fit-23 ta’ Jannar 1991, il-Kummissjoni Ewropea ppubblikat l-Opinjoni motivata COM(90) 2042 final, li permezz tagħha, minn naħa waħda, hija kkonstatat li r-Repubblika Franċiża, meta stipulat tali rekwiżit ta’ rilaxx għal ċirkulazzjoni ħielsa [5], kienet naqset mill-obbligi tagħha skont ċerti dispożizzjonijiet tad-dritt (dakinhar) Komunitarju u, min-naħa l-oħra, stiednet lil dan l-Istat Membru jikkonforma ruħu ma’ din l-opinjoni motivata f’terminu ta’ 30 jum.

19. Mill-proċess li għandha quddiemha l-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li, fis-6 ta’ Ġunju 1991, il-Ministeru għall-Ekonomija, il-Finanzi u l-Baġit (Franza) ippubblika fil-*Ġurnal Uffiċjali tar-Repubblika Franċiża* avviż għall-esportaturi li bih neħħa dan ir-rekwiżit ta’ rilaxx għal ċirkulazzjoni ħielsa.

[5] Il-kunċett ta’ “rilaxx għal ċirkulazzjoni ħielsa” huwa ddefinit fl-Artikolu 201(2) tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni. Dan jinkludi l-ġbir ta’ kwalunkwe dazju fuq l-importazzjoni dovut; il-ġbir, kif xieraq, ta’ imposti oħrajn, kif ipprovdut mill-provvedimenti rilevanti fis-seħħ marbuta mal-ġbir ta’ dawk l-imposti; l-applikazzjoni ta’ miżuri ta’ politika kummerċjali u projbizzjonijiet u restrizzjonijiet sakemm ma jkunux iridu jkunu applikati fi stadju iktar bikri; u l-applikazzjoni ta’ miżuri ta’ politika kummerċjali u projbizzjonijiet u restrizzjonijiet sakemm ma jkunux iridu jkunu applikati fi stadju iktar bikri; u t-twettiq tal-formalitajiet l-oħrajn stabbiliti fir-rigward tal-importazzjoni tal-merkanzija. Skont l-Artikolu 201(3) ta’ dan il-Kodiċi, ir-rilaxx għal ċirkulazzjoni ħielsa jagħti lill-merkanzija mhux tal-Unjoni l-istatus doganali ta’ merkanzija tal-Unjoni.

20. Fl-20 ta' Mejju 2008, Ysal ipproċediet kontra l-amministrazzjoni doganali Franċiża quddiem qorti tal-ewwel istanza sabiex tikseb ir-rimbors ta' dazji doganali li din l-amministrazzjoni kienet irċeviet indebitament minħabba dikjarazzjonijiet ta' importazzjoni lejn l-Andorra magħmula bejn is-snin 1988 u 1991.

21. Permezz ta' sentenza tal-15 ta' Ġunju 2010, din il-qorti ddikjarat ir-rikors imressaq minn Ysal bħala inammissibbli minħabba nuqqas ta' interess ġuridiku. Din is-sentenza ġiet ikkonfermata permezz ta' sentenza ta' qorti ta' appell fit-13 ta' Diċembru 2011. Permezz ta' sentenza tal-21 ta' Jannar 2014, il-Cour de cassation (il-Qorti tal-Kassazzjoni) ċaħdet l-appell ippreżentat minn Ysal.

22. F'data mhux speċifikata, l-imsemmija importaturi Andorrani, li s-suċċessuri fid-drittijiet tagħhom kienu Caves Andorranes u YX, rrimborsaw lil Ysal id-dazji doganali li din tal-aħħar kienet ħallset għan-nom tagħhom.

23. Fis-16 ta' Lulju 2015, Caves Andorranes u YX ipproċedew kontra l-amministrazzjoni doganali Franċiża quddiem it-tribunal de grande instance de Toulouse (France) (il-Qorti tal-Ewwel Istanza ta' Toulouse, Franza) sabiex jiksbu il-ħlas ta' somma korrispondenti għad-dazji doganali riċevuti indebitament minn din l-amministrazzjoni. Permezz ta' sentenza tal-4 ta' Lulju 2017, din il-qorti ċaħdet it-talbiet ta' Caves Andorranes u ta' YX.

24. Permezz ta' sentenza tal-10 ta' Frar 2020, il-cour d'appel de Toulouse (il-Qorti tal-Appell ta' Toulouse, Franza) ikkonfermat din is-sentenza. F'dan ir-rigward, hija qieset li l-amministrazzjoni doganali, sabiex tipproċedi bir-rimbors *ex officio* previst fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament Nru 1430/79 u fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 236(2) tal-Kodiċi Doganali tal-Komunità, kellu jkollha elementi neċessarji sabiex tistabbilixxi kemm l-ammont tad-dazji li għandhom jiġu rrimborsati kif ukoll l-identità ta' kull debitur, u dan mingħajr ma jkollha bżonn tagħmel riċerki sporporzjonati.

25. Caves Andorranes u YX ippreżentaw appell, quddiem il-Cour de cassation (il-Qorti tal-Kassazzjoni), li hija l-qorti tar-rinviju, minn din is-sentenza li insostenn tiegħu huma jissottomettu, essenzjalment, li l-cour d'appel de Toulouse (il-Qorti tal-Appell ta' Toulouse), permezz tas-sentenza tagħha tal-10 ta' Frar 2020, kisret l-Artikolu 2(2) tar-Regolament Nru 1430/79. L-obbligu ta' rimbors *ex officio* previst minn din id-dispożizzjoni huwa suġġett biss għall-osservanza ta' terminu ta' tliet snin b'effett mid-data tal-komunikazzjoni tad-dazji doganali lid-debitur. Min-naħa l-oħra, l-imsemmija dispożizzjoni ma tipprevedix li l-awtoritajiet doganali għandu jkollhom dawn l-elementi relatati mal-ammont ta' dawn id-dazji u l-identità ta' kull debitur. Il-cour d'appel de Toulouse (il-Qorti tal-Appell ta' Toulouse) għalhekk żiedet mal-imsemmija dispożizzjoni kundizzjoni li ma kinitx inkluża fiha.

26. Il-qorti tar-rinviju tindika li l-amministrazzjoni doganali Franċiża ssostni li hija ma tistax tirrimborsa *ex officio* d-dazji fuq l-importazzjoni u fuq l-esportazzjoni ħlief jekk ikollha l-elementi kollha li jippermettulha tikkonstata li dawn kienu riċevuti indebitament u li għandhom jingħataw lura. Hija ma għandhiex tintalab tagħmel riċerki fil-fond sabiex tistabbilixxi l-ammont tad-dazji li għandhom jiġu rrimborsati lil kull operatur ikkonċernat.

27. Din il-qorti tistaqsi b'hekk jekk id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 2(2) tar-Regolament Nru 1430/79 u tal-Artikolu 236(2) tal-Kodiċi Doganali tal-Komunità għandhomx jiġu interpretati fis-sens li l-awtorità kompetenti ma hijiex obbligata tipproċedi *ex officio* bir-rimbors tad-dazji doganali li ma humiex legalment dovuti ħlief jekk, biex tagħmel dan, hija jkollha l-elementi kollha neċessarji, u jekk, fin-nuqqas, hija ma għandhiex tagħmel riċerki sproporzjonati.

28. Skont il-qorti tar-rinviju, tqum ukoll il-kwistjoni preliminari dwar jekk ir-rimbors *ex officio* minn awtorità doganali jistax isir lil hinn mit-terminu ta' tliet snin b'effett mid-data tal-komunikazzjoni tad-dazji lid-debitur. Fir-rigward tas-sentenza tal-14 ta' Ġunju 2012, CIVAD (C-533/10, EU:C:2012:347, punt 21), li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 236(2) tal-Kodiċi Doganali tal-Komunità jillimita b'terminu ta' tliet snin ir-rimbors tad-dazji mhux legalment dovuti, din il-qorti tistaqsi jekk l-Artikolu 2(2) tar-Regolament Nru 1430/79 għandux jiġi interpretat fis-sens li l-awtoritajiet kompetenti ma jkunux jistgħu iktar, wara li jkun skada t-terminu, jipproċedu b'rimbors *ex officio*, u dan, anki jekk jiġi stabbilit li huma kkonstataw matul l-imsemmi terminu li dawn id-dazji ma kinux legalment dovuti.

29. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Cour de cassation (il-Qorti tal-Kassazzjoni) ddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari segwenti:

"1) L-Artikolu 2(2) tar-Regolament [Nru 1430/79,] irripetut fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 236(2) ta[l-Kodiċi Doganali tal-Komunità għandu jiġi interpretat] fis-sens li r-rimbors *ex officio* tad-dazji doganali miġbura minn awtorità doganali huwa limitat għal perijodu ta' tliet snin mid-data tat-teħid inkunsiderazzjoni tal-imsemmija dazji mill-awtorità inkarigata mill-irkupru jew [f'dan is-sens] li l-amministrazzjoni doganali għandha tkun f'pożizzjoni li tikkonstata, fi żmien tliet snin mill-avveniment li ta lok għad-dazji, li d-dazji ma kinux dovuti?

2) L-Artikolu 2(2) tar-[Regolament Nru 1430/79], irripetut fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 236(2) tal-[Kodiċi Doganali tal-Komunità għandu jiġi interpretat] fis-sens li r-rimbors *ex officio* tad-dazji doganali miġbura minn awtorità doganali huwa suġġett għall-għarfien, minn din tal-aħħar, tal-identità tal-operaturi kkonċernati kif ukoll tal-ammonti li għandhom jiġu rrimborsati lil kull wieħed minnhom, mingħajr hija ma jkollha twettaq riċerki fil-fond jew sproporzjonati?"

IV. Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

30. Id-deċiżjoni ta' rinviju bid-data tat-13 ta' Marzu 2024 waslet fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fis-17 ta' Marzu 2024.

31. Il-Gvern Franċiż u l-Kummissjoni ppreżentaw sottomissjonijiet bil-miktub fit-terminu mogħti mill-Artikolu 23 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

32. Waqt is-seduta ġenerali tal-5 ta' Novembru 2024, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li ma torganizzax seduta għas-sottomissjonijiet orali.

V. Analiżi legali

A. Rimarki preliminari

33. Minbarra l-introduzzjoni ta' tariffa doganali komuni, il-ħolqien ta' Unjoni Doganali skont l-Artikolu 28 TFUE tirrikjedi wkoll l-istandardizzazzjoni tar-regoli doganali ġenerali u ta' proċeduri doganali korrispondenti għall-ġbir, is-sospensjoni jew l-eżenzjoni tad-dazji fuq l-importazzjoni. Inkella, id-differenzi bejn il-leġiżlazzjonijiet doganali nazzjonali jistgħu jostakolaw il-moviment tal-merkanzija fi ħdan suq uniku. L-għan inizjali kien għalhekk li jiġu

armonizzati l-leġiżlazzjonijiet doganali tal-Istati Membri. Madankollu, l-armonizzazzjoni tad-dritt doganali permezz ta' diversi leġiżlazzjonijiet individwali dwar suġġetti varji wassal għal fragmentazzjoni legali [6]. Kien biss fl-1 ta' Jannar 1994 li dritt ta' proċedura doganali uniformi sar applikabbli fil-livell supranazzjonali mal-Kodiċi Doganali tal-Komunità. Il-Kodiċi Doganali tal-Unjoni, fis-seħħ mid-9 ta' Ottubru 2013, huwa applikabbli mill-1 ta' Mejju 2016 [7]. Min-naħa tagħha, il-leġiżlazzjoni nazzjonali, tirregola l-organizzazzjoni tal-amministrazzjoni doganali, li hija responsabbli mill-applikazzjoni amministrattiva tad-dritt doganali tal-Unjoni.

34. Għandu jitfakkar li l-Unjoni Ewropea, skont l-Artikolu 3(1)(a) TFUE, għandha kompetenza esklużiva f'dak li jirrigwarda l-Unjoni doganali u li, skont l-Artikolu 1(1) tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni, dan tal-aħħar għandu jkun applikat b'mod uniformi fuq it-territorju doganali kollu tal-Unjoni. B'hekk, il-ġbir tad-dazji doganali mill-Istati Membri għan-nom tal-Unjoni fuq il-merkanzija importata fit-territorju doganali tal-Unjoni huwa suġġett biss għal-leġiżlazzjoni Ewropea skont il-prinċipju ta' supremazija tad-dritt tal-Unjoni [8], u dan ifisser, f'dan il-każ, li l-Istat Membru kkonċernat, jiġifieri Franza, għandha tapplika d-dispożizzjonijiet rilevanti tad-dritt tal-Unjoni, b'mod iktar preċiż dawk relatati mat-tranżitu u mar-rimbors tad-dazji doganali riċevuti indebitament, minflok kwalunkwe dispożizzjoni tal-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħha li tista' tidderoga mill-Kodiċi Doganali tal-Unjoni.

35. Għandu jiġi nnotat li l-fatti li wasslu għall-kawża prinċipali seħħew ftit iktar minn 30 sena ilu u li tressqu diversi kawżi quddiem il-qrati Franċiżi. Huwa għal din ir-raġuni li fid-domandi tagħha l-qorti tar-rinviju tirreferi kemm għall-Artikolu 2(2) tar-Regolament Nru 1430/79 kif ukoll għat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 236(2) tal-Kodiċi Doganali tal-Komunità. Dawn id-dispożizzjonijiet, li issa ġew riprodotti fl-Artikolu 116(4) moqri flimkien mal-Artikolu 121(1) tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni, kienu applikabbli *ratione temporis* fil-perijodi kkunsidrati rilevanti mill-qorti tar-rinviju. F'dan ir-rigward, nixtieq nirrileva li d-dispożizzjonijiet imsemmija huma differenti biss fil-forma ta' kif inkitbu, filwaqt li l-*kontenut leġiżlattiv tagħhom ma nbidilx*. Huwa għalhekk, sabiex niffaċilita l-qari ta' dawn il-konklużjonijiet, nippreferi nirreferi għall-*elementi komuni tal-leġiżlazzjoni relatata mal-proċedura ta' rimbors*. Approċċ bħal dan jidhirli li huwa iktar għaqli peress li l-interpretazzjoni li nirrakkomanda hija maħsuba wkoll biex tapplika għal każijiet simili li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni li bħalissa huma fis-seħħ [9].

36. Sabiex inkun eżawrjenti, nixtieq infakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, ir-regoli tal-proċedura huma ġeneralment meqjusa applikabbli għall-kawżi kollha li jkunu pendenti meta dawn jidħlu fis-seħħ, bil-kontra tar-regoli sostantivi li ġeneralment jiġu interpretati li ma japplikawx, bħala prinċipju, għal sitwazzjonijiet li ġraw qabel id-dħul fis-seħħ tagħhom [10]. Għall-finijiet ta' din l-analiżi, għandha tiġi kkunsidrata bħala regola sostantiva d-dispożizzjoni li tistabbilixxi *l-kundizzjonijiet li jirregolaw il-bażi u t-tnissil tad-dritt għar-rimbors*, filwaqt li r-regoli proċedurali jinkludu *d-dispożizzjonijiet li jirregolaw il-kundizzjonijiet għal eżerċizzju ta' dan id-dritt*, u b'mod partikolari t-terminu sabiex titressaq talba għal rimbors jew sabiex l-awtoritajiet jikkonstataw l-eżistenza ta' xi waħda miċ-ċirkustanzi li jiġġustifikaw ir-rimbors.

[6] Lux, H., *Handbuch des EU-Wirtschaftsrechts* (Dauses/Ludwigs), Munich 2024, C.C. II. punt 29) jagħti ħarsa ġenerali fuq l-istorja tal-ħolqien tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni.

[7] Ara l-punti 11, 12 u 16 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[8] Ara s-sentenza tal-24 ta' Ġunju 2019, Popławski (C-573/17, EU:C:2019:530, punti 58 u 61).

[9] Fis-sentenzi tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja spiss tindika jekk il-kontenut leġiżlattiv ta' dispożizzjoni partikolari ġiex riprodott f'dispożizzjoni li tiġi warajha, b'tali mod li hija intiża li tapplika l-istess interpretazzjoni għal din tal-aħħar (ara s-sentenza tat-13 ta' Diċembru 2007, Bayerischer Rundfunk *et*, C-337/06, EU:C:2007:786, punt 30).

[10] Ara s-sentenza tat-23 ta' Frar 2006, Molenbergnatie (C-201/04, EU:C:2006:136, punt 31 u l-ġurisprudenza ċċitata).

37. Din il-kawża tqajjem diversi kwistjonijiet legali li huma relatati intrinsikament. Huma jistgħu jingħabru b'mod ġenerali fi tliet temi distinti: (i) il-portata tal-obbligu tal-awtorità doganali li tirrimborsa *ex officio* dazji doganali mhux dovuti; (ii) il-proċedura li għandha tiġi segwita meta l-obbligu ta' rimbors jitnissel mill-konstatazzjoni li ma hemm l-ebda bażi legali sabiex jintalab il-ħlas tad-dazji doganali mhux dovuti; (iii) l-għan leġiżlattiv tat-terminu ta' tliet snin previst mil-leġiżlazzjoni doganali. Għal iktar ċarezza u razzjonalità, nipproponi li d-domandi preliminari magħmula mill-qorti tar-rinviju jiġu trattati flimkien. Jiena ser nittrattahom fil-qafas tal-iżvilupp ta' dawn it-temi.

B. Fuq l-ammissibbiltà

38. Qabel ma nipproċedi bl-eżami tal-kwistjonijiet fuq il-mertu, inħoss li huwa meħtieġ li nittratta fil-qosor l-ammissibbiltà tat-talba għal deċiżjoni preliminari. Anki jekk ħadd mill-partijiet ikkonċernati ma jqajjem din l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà, tista' tqum il-mistoqsija dwar jekk risposta għad-domandi magħmula mill-qorti tar-rinviju hijiex neċessarja sabiex tiġi deċiża l-kawża prinċipali. Peress li l-leġiżlazzjoni fil-qasam doganali tipprevedi terminu ta' tliet snin sabiex isiru t-talbiet għar-rimbors ta' dazji doganali riċevuti indebitament u li l-avvenimenti li taw lok għal din il-kawża seħħew iktar minn 30 sena ilu, dawn id-domandi jidhru, mal-ewwel daqqa ta' għajn, irrilevanti.

39. Skont ġurisprudenza stabbilita, id-domandi dwar l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni magħmula mill-qorti nazzjonali fil-kuntest leġiżlattiv u fattwali li hija tiddefinixxi taħt ir-responsabbiltà tagħha, u li ma huwiex il-kompitu tal-Qorti tal-Ġustizzja li tivverifika l-eżattezza tiegħu, igawdu minn preżunzjoni ta' rilevanza. Il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tirrifjuta li tiddeċiedi fuq talba għal deċiżjoni preliminari mressqa minn qorti nazzjonali biss jekk jidher b'mod ċar li l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni mitluba m'għandha l-ebda rabta mal-fatti jew mas-suġġett tal-kawża prinċipali, meta l-problema tkun ta' natura ipotetika jew meta l-Qorti tal-Ġustizzja ma jkollhiex il-punti ta' fatt u ta' dritt neċessarji sabiex tirrispondi b'mod utli għad-domandi li jsirulha [11].

40. Jiena ma nqisx d-domandi magħmula mill-qorti tar-rinviju bħala ipotetiċi għaliex, fl-opinjoni tiegħi, interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet relatati mal-obbligi tal-awtoritajiet doganali fil-qafas tal-proċedura ta' rimbors jistgħu jkunu utili wkoll sabiex jitfgħu dawl dwar jekk Caves Andorranes għandhiex *dritt għal kumpens minħabba ksur tad-dritt tal-Unjoni* skont il-prinċipji stabbilita fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja. Ċerti indizji jissuġġerixxu li Caves Andorranes setgħet tilħaq dan il-għan, tal-inqas b'mod sussidjarju [12]. Konsegwentament, l-elementi ta' interpretazzjoni fuq *kwalunkwe kwistjoni relatata mar-rimbors ex officio tad-dazji doganali riċevuti indebitament* li jirriżultaw mill-eventwali sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jistgħu jkunu utli sabiex tiġi deċiża l-kwistjoni fil-każ fejn ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali tikkontesta *r-responsabbiltà tal-amministrazzjoni doganali Franċiża għal eventwali ksur tad-dritt tal-Unjoni* [13].

41. Għar-raġunijiet spjegati fil-punti preċedenti ta' dawn il-konklużjonijiet, għandna nitilqu mill-premessa li din it-talba għal deċiżjoni preliminari hija ammissibbli.

[11] Ara s-sentenza tas-16 ta' Diċembru 2008, Cartesio (C-210/06, EU:C:2008:723, punt 67).

[12] L-Avukat Ġenerali Ewlieni tal-Awla Kummerċjali, Finanzjarja u Ekonomika fi ħdan il-Qorti tal-Kassazzjoni jsemmi din il-possibbiltà fl-opinjoni tiegħu li tpoġġiet fil-fajl nazzjonali.

[13] Ara s-sentenza tat-22 ta' Diċembru 2022, Ministre de la Transition écologique u Premier ministre (Responsabbiltà tal-Istat għat-tniġġiż tal-arja) (C-61/21, EU:C:2022:1015, punti 34 *et seq*).

C. Fuq il-mertu

1. L-obbligu tal-awtorità doganali li tirrimborsa ex officio dazji doganali mhux dovuti

42. Il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fil-qasam doganali tipprevedi żewġ modalitajiet distinti ta' rimbors tad-dazji fuq l-importazzjoni mhux dovuti. L-ewwel waħda minn dawn il-modalitajiet tirrikjedi talba minn qabel għal dan il-għan imressqa quddiem l-Uffiċju tad-Dwana kkonċernat qabel l-iskadenza ta' tliet snin mid-dħul fil-kontijiet tad-dazji doganali mhux dovuti, filwaqt li t-tieni waħda tirriżulta minn azzjoni spontanja tal-amministrazzjoni doganali li tipproċedi *ex officio* għar-rimbors, meta hija tikkonstata, matul dan l-istess terminu, l-eżistenza ta' sitwazzjoni jew oħra li tiġġustifikah.

43. Din il-kawża tirrigwarda t-*tieni modalità*. F'dan ir-rigward, qabelxejn għandu jiġi nnotat li l-leġiżlazzjoni doganali tistipula *obbligu ġenerali ta' rimbors* meta ċerti kundizzjonijiet, li ser nittratta iktar 'il quddiem, huma ssodisfatti. B'mod iktar preċiż, kemm mill-Artikolu 2(1) tar-Regolament Nru 1430/79 kif ukoll mill-Artikolu 236(1) tal-Kodiċi Doganali tal-Komunità jirriżulta li "ikun hemm rimbors", filwaqt li l-Artikolu 116(1) tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni jistipula li l-ammont tad-dazji fuq l-importazzjoni "għand[u] jitħall[as] lura" għal waħda mir-raġunijiet speċifikati mil-leġiżlazzjoni.

44. Fost il-kundizzjonijiet li jagħtu lok għal dritt tar-rimbors u li, bla preġudizzju għall-evalwazzjoni li għandha ssir mill-qorti tar-rinviju, jistgħu jiġu applikati fil-każ inkwistjoni hemm il-fatt li "ma tnissel l-ebda dejn doganali", imsemmi fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament Nru 1430/79, jew li "meta kien tħallas l-ammont ta' dawk id-dazji[,] ma kienx legalment dovut", skont l-Artikolu 236(1) tal-Kodiċi Doganali tal-Komunità. L-Artikolu 116(1)(a) tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni jipprevedi, min-naħa tiegħu, ir-rimbors għall-"ammonti ta' dazju tal-importazzjoni […] mitluba żejda". Minkejja l-formulazzjoni kemxejn diverġenti ta' dawn id-dispożizzjonijiet, punt komuni bejniethom huwa li essenzjalment ikopru sitwazzjoni li fiha *dazju doganali nġabar mill-amministrazzjoni mingħajr ġustifikazzjoni legali*. Peress li dawn id-dispożizzjonijiet jipprevedu l-kundizzjonijiet li jirregolaw il-bażi u t-tnissil tad-dritt għar-rimbors, huma jikkostitwixxu *regoli sostantivi*.

45. Dawn ir-regoli sostantivi għandhom jiġu distinti mir-*regoli proċedurali*, li għandhom rwol determinanti f'din il-kawża. Dawn huma d-dispożizzjonijiet iċċitati fil-punt 35 ta' dawn il-konklużjonijiet, li, kif diġà rrilevajt, ma nbidlux fir-rigward tal-kontenut leġiżlattiv tagħhom, inkwantu jistipulaw, essenzjalment, li "l-awtoritajiet kompetenti jipproċedu *ex officio* għar-rimbors […] meta jikkonstataw huma stess, matul dan it-terminu, [li l-kundizzjonijiet għal tali inizjattiva huma ssodisfatti]". Din il-leġiżlazzjoni titlob xi osservazzjonijiet min-naħa tiegħi għall-finijiet tal-interpretazzjoni tagħha. Meta nkun qed nagħmel dan, ser nuża l-metodi ta' interpretazzjoni rrikonoxxuti fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja. F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-interpretazzjoni ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni teħtieġ li jittieħdu inkunsiderazzjoni mhux biss il-kliem tagħha, iżda wkoll il-kuntest tagħha kif ukoll l-għanjiet u l-iskop li jfittex li jilħaq l-att li minnu hija tagħmel parti. L-oriġini ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni tista' wkoll tiżvela elementi rilevanti għall-interpretazzjoni tagħha [14].

[14] Ara s-sentenza tad-29 ta' Lulju 2024, Asociația Crescătorilor de Vaci „Bălțată Românească" Tip Simmental (C-286/23, EU:C:2024:655, punt 38).

46. Abbażi ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, jidhirli li l-kliem stess ta' dawn id-dispożizzjonijiet ("fuq l-inizjattiva tagħhom stess") jikkonferma, l-ewwel nett, li hija l-amministrazzjoni doganali li għandha taġixxi fuq l-inizjattiva tagħha stess u, it-tieni nett, li *l-avveniment li jkun wassal għall-attenzjoni tagħha l-fatt li d-dazji doganali ġew riċevuti indebitament* għandu jkun seħħ fit-terminu ta' tlett snin ("matul dan il-perjodu"). Fl-opinjoni tiegħi, huwa ċar li din il-leġiżlazzjoni ma tistax tinftiehem fis-sens li r-rimbors stess għandu jsir matul dan it-terminu.

47. Mill-perspettiva kuntestwali, din l-interpretazzjoni, relatata mar-rimbors *ex officio*, tidher li hija sostnuta minn qari tad-dispożizzjonijiet li jirrigwardaw l-ewwel modalità ta' rimbors tad-dazji fuq l-importazzjoni mhux dovuti, jiġifieri l-proċedura fuq talba. Skont din il-leġiżlazzjoni, "ir-rimbors […] għandu jingħata fuq talba mressqa quddiem l-Uffiċju tad-Dwana kkonċernat *qabel l-iskadenza tat-terminu ta' tliet snin*" [15] b'effett minn data li, skont il-verżjoni użata, hija d-data tad-"dħul fil-kontijiet tal-imsemmija dazji mill-awtorità inkarigata mill-ġbir tagħhom", dik li fiha "l-ammont ta' dawk id-dazji kien ġie kkomunikat lid-debitur" jew dik "tan-notifika tad dejn doganali". B'mod eċċezzjonali, dan it-terminu huwa estiż jekk il-persuna kkonċernata tressaq prova li hija ma setgħetx tressaq it-talba tagħha fl-imsemmi terminu minħabba ċirkustanza imprevidibbli jew *force majeure*.

48. Wara d-diverġenzi marbuta mal-formulazzjoni tad-dispożizzjonijiet inkwistjoni, huwa evidenti li l-leġiżlatur tal-Unjoni ried ukoll, billi jirregola din il-modalità ta' rimbors, jistabbilixxi terminu ta' tliet snin li fih l-awtoritajiet għandhom jistabbilixxu li d-dazji doganali inġabru b'mod skorrett. Fi kliem ieħor, fil-qafas ta' din il-modalità, it-talba mressqa mid-debitur hija *l-mezz li bih l-awtoritajiet jieħdu konoxxenza* taċ-ċirkustanzi li jnisslu d-dritt għal rimbors u jobbligahom jaġixxu. Min-naħa l-oħra, il-qari tal-imsemmija dispożizzjonijiet juri li din il-modalità ma tipprevedi l-ebda terminu preċiż sabiex isir ir-rimbors. Il-loġika li fuqha hija bbażata l-leġiżlazzjoni taż-żewġ modalitajiet esposti fil-punti preċedenti ta' dawn il-konklużjonijiet hija għalhekk simili ferm.

49. Konsegwentement, jekk tali talba tkun tressqet preċiżament *qabel* l-iskadenza tat-terminu ta' tliet snin, l-amministrazzjoni tista' sempliċement tipproċedi ulterjorment, jiġifieri wara l-iskadenza ta' dan it-terminu, għar-rimbors mingħajr ma tikser id-dritt tal-Unjoni fil-qasam doganali. Il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja taqbel ma' din l-interpretazzjoni, għaliex il-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza C & J Clark International iddeċidiet li mill-Artikolu 236 tal-Kodiċi Doganali tal-Komunità jirriżulta li, "bħala regola u ħlief f'ċirkustanza imprevedibbli jew ta' *force majeure*, ir-rimbors tad-dazji li ma kinux legalment dovuti fil-mument tal-ħlas tagħhom ma jistax isir, wara l-iskadenza tat-terminu ta' tliet snin mill-komunikazzjoni tal-ammont ta' dawn id-dazji lid-debitur, *ħlief jekk dan tal-aħħar ikun ressaq b'mod validu, f'dan it-terminu, talba* f'dan is-sens lill-awtoritajiet doganali nazzjonali" [16].

50. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet fis-sentenza CIVAD, iktar qabel, li kienet tirrigwarda sitwazzjoni li fiha t-talba għal rimbors kienet tressqet *wara* l-iskadenza ta' dan it-terminu, jiġifieri tardivament, li "operatur ekonomiku, *bħala prinċipju, ma jistax iktar jippretendi r-rimbors tad-dazji antidumping li huwa jkun ħallas* […] u li fir-rigward tagħhom ikun skada t-terminu ta' tliet snin previst fl-Artikolu 236(2) tal-Kodiċi Doganali [tal-Komunità]" [17]. Fid-dawl ta' dawn l-ispjegazzjonijiet, jidher li l-leġiżlazzjoni inkwistjoni tippresupponi li l-awtoritajiet għandhom jieħdu konoxxenza, fl-imsemmi terminu, tan-nuqqas ta' bażi legali għall-ġbir tad-dazji fuq l-importazzjoni, li jgħodd kemm għar-rimbors *ex officio*, kif ukoll

[15] Enfasi miżjuda minni.

[16] Sentenza tad-19 ta' Ġunju 2019, C & J Clark International (C-612/16, EU:C:2019:508, punt 50). Enfasi miżjuda minni.

[17] Sentenza tal-14 ta' Ġunju 2012, CIVAD (C-533/10, EU:C:2012:347, punt 21). Enfasi miżjuda minni.

għar-rimbors fuq talba. L-interpretazzjoni kuntrarja, li r-rimbors stess għandu jsir fit-terminu ta' tliet snin, ikollha bħala riżultat l-iskadenza tad-dritt għar-rimbors skont il-ħeffa li biha l-awtoritajiet amministrattivi jaġixxu, u dan imur kontra ċ-ċertezza legali.

51. F'dan il-każ, huwa stabbilit li ma tressqet l-ebda talba għar-rimbors fit-terminu ta' tliet snin. Dan iqajjem il-kwistjoni dwar liema rekwiżiti legali għandhom jiġu ssodisfatti sabiex l-awtoritajiet doganali jintervjenu. B'mod partikolari għandu jiġi kkjarifikat liema grad ta' ċertezza dawn għandu jkollhom f'dak li jirrigwarda d-dritt ta' ċittadin għar-rimbors ta' dazji doganali riċevuti indebitament. Ser nittratta din il-kwistjoni f'iktar dettall wara li nispjega fil-qosor il-funzjoni tal-perijodu ta' tlett snin previst fil-leġiżlazzjoni inkwistjoni.

2. Il-funzjoni tat-terminu ta' dekadenza ta' tlett snin

52. Kif il-Qorti tal-Ġustizzja indikat fis-sentenza CIVAD, il-perijodu ta' tlett snin imsemmi hawn fuq huwa terminu ta' dekadenza, jiġifieri terminu mogħti legalment li matulu l-kreditur jista' jsostni d-dritt tiegħu għar-rimbors. L-iskadenza ta' dan it-terminu iġġib magħha, bħala regola, it-telf ta' dan id-dritt. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, tali terminu ta' dekadenza ta' tliet snin huwa raġonevoli, peress li ma huwiex ta' natura li tirrendi prattikament impossibbli jew eċċessivament diffiċili, l-eżerċizzju tad-drittijiet mogħtija mill-ordinament ġuridiku tal-Unjoni [18].

53. Il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li tali terminu ta' dekadenza huwa fl-interess taċ-ċertezza legali li tipproteġi kemm lill-parti fil-kawża kif ukoll lill-amministrazzjoni kkonċernata u ma tipprekludix madankollu, l-eżerċizzju, mill-parti fil-kawża, tad-drittijiet mogħtija mill-ordinament ġuridiku tal-Unjoni. Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li minkejja li l-leġiżlazzjoni doganali tistipula ċerti eċċezzjonijiet għat-terminu ta' tliet snin, pereżempju, f'każ ta' *force majeure*, hija fakkret li r-rimbors tad-dazji fuq l-importazzjoni jew fuq l-esportazzjoni mħallsa, jistgħu jingħataw biss taħt ċerti kundizzjonijiet u f'ċerti każijiet previsti. Konsegwentament, sa fejn tali rimbors jikkostitwixxi eċċezzjoni għas-sistema normali ta' importazzjonijiet u ta' esportazzjonijiet, id-dispożizzjonijiet li jippreveduh għandhom jiġu interpretati b'mod strett [19].

54. Il-ġurisprudenza ċċitata fil-punti preċedenti ta' dawn il-konklużjonijiet tirrigwarda d-dispożizzjonijiet li jirregolaw ir-rimbors tad-dazji doganali fuq talba mressqa minn operatur ekonomiku. Madankollu, l-istess raġunament ibbażat fuq iċ-ċertezza legali ma jidhirx applikabbli għat-terminu ta' tliet snin għall-modalità tar-rimbors *ex officio*, li b'estensjoni jagħmel applikabbli l-prinċipji kollha ta' interpretazzjoni li jirriżultaw mill-ġurisprudenza msemmija.

3. Il-grad ta' ċertezza li l-awtoritajiet doganali għandu jkollhom u l-proċedura li għandha tiġi segwita għall-finijiet tar-rimbors

55. Il-leġiżlazzjoni ċċitata fil-punt 35 ta' dawn il-konklużjonijiet li tirregola l-aspetti proċedurali tar-rimbors tad-dazji doganali riċevuti indebitament tistipula li "l-awtoritajiet kompetenti jipproċedu *ex officio* għar-rimbors […] meta jikkonstataw huma stess, […], l-eżistenza ta' waħda mis-sitwazzjonijiet [li tagħti lok għal tali dritt]" [20], li tqajjem il-kwistjoni dwar għal x'hiex tirreferi eżattament din il-"konstatazzjoni" u liema grad ta' ċertezza huwa rikjest fir-rigward tal-eżistenza ta' dritt għar-rimbors.

[18] Sentenza tal-14 ta' Ġunju 2012, CIVAD (C-533/10, EU:C:2012:347, punti 21 u 22).

[19] Sentenza tal-14 ta' Ġunju 2012, CIVAD (C-533/10, EU:C:2012:347, punti 23 u 24).

[20] Enfasi miżjuda minni.

56. Fl-opinjoni tiegħi, il-kliem tad-dispożizzjonijiet sostantivi rilevanti, iċċitati fil-punt 44 ta' dawn il-konklużjonijiet, ma jħallu l-ebda dubju dwar il-fatt li l-konoxxenza tal-awtoritajiet doganali għandha testendi għaċ-ċirkustanzi li jagħtu dritt għar-rimbors. Dan jimplika konkretament *il-konoxxenza tal-elementi essenzjali*, jiġifieri t-tranżazzjonijiet doganali magħmula, l-identità tal-impriżi kkonċernati minn dawn it-tranżazzjonijiet, l-ammonti mħallsa u, ovvjament, l-assenza ta' dejn doganali [21].

57. Fil-preżenza ta' dawn l-elementi, l-awtoritajiet doganali huma obbligati jipproċedu bir-rimbors u *ma għandhom l-ebda marġni diskrezzjonali*. F'dan ir-rigward, u kuntrarjament għal dak li tissuġġerixxi l-Kummissjoni, ma huwiex possibbli ssir distinzjoni ċara bejn il-konstatazzjoni effettiva li l-kundizzjonijiet għar-rimbors huma ssodisfatti u l-obbligu li tikkonstata dan, sakemm il-kunċett ta' "rimbors *ex officio*" ma jitlifx it-tifsira kollha tiegħu. Meta l-amministrazzjoni doganali jkollha konoxxenza tal-elementi msemmija fil-punt preċedenti ta' dawn il-konklużjonijiet, il-konklużjoni hija li għandha l-obbligu li tipproċedi *ex officio* għall-konstatazzjoni u għar-rimbors. Il-kundizzjoni għal *konstatazzjoni* fis-sens ristrett tikkoinċidi, fl-opinjoni tiegħi, mal-*obbligu li tikkonstata* taħt ċerti kundizzjonijiet. L-interpretazzjoni kuntrarja, li hija bbażata fuq l-assenza ta' kwalunkwe obbligu min-naħa ta' awtorità doganali li tikkonstata *ex officio* li ammont jista' jiġi rrimborsat, twassal sabiex jiġi eskluż kull stħarriġ ġudizzjarju u, konsegwentament, kull kundanna għal ksur ta' dan l-obbligu, għaliex ksur ta' obbligu ineżistenti huwa, fih innifsu, impossibbli. Tali riżultat huwa kuntrarju għall-għan ta' rimbors *ex officio* ibbażat fuq l-obbligu ġenerali ta' rimbors tat-taxxi riċevuti bi ksur tar-regoli tad-dritt tal-Unjoni.

58. Madankollu, kwistjoni essenzjali hija dik dwar kif l-awtoritajiet doganali għandhom jiksbu l-informazzjoni neċessarja għal dan il-għan, b'mod partikolari jekk hux biżżejjed li dawn tal-aħħar jiġu kkomunikati lilhom, pereżempju, mill-impriżi kkonċernati, jew inkella jekk għandhomx ikunu proattivi u jagħmlu riċerki sabiex jiksbu iktar ċarezza. Huwa ċar li l-konstatazzjoni *ex officio* mill-awtoritajiet doganali li l-kundizzjonijiet għal rimbors huma ssodisfatti bla dubju ma kinitx b'koinċidenza u tirrikjedi dejjem ċertu aġir attiv min-naħa tagħhom. Il-modalitajiet ta' azzjoni tal-awtoritajiet doganali u kif għandhom ikunu proattivi ser ikunu s-suġġett ta' analiżi iktar tard. Dak li jista' jiġi kkonfermat b'ċertezza f'dan l-istadju huwa li l-obbligu li jiġi żgurat li l-amministrazzjoni jkollha konoxxenza tal-assenza ta' dejn doganali ma għandux ikun biss fuq l-impriża kkonċernata, inkella jfisser li din ikollha tressaq talba għal rimbors fil-każijiet kollha. Fi kliem ieħor, *de facto* jkun hemm biss modalità waħda ta' rimbors ta' dazji doganali riċevuti indebitament, minkejja li l-leġiżlazzjoni doganali tipprevedi b'mod ċar *żewġ modalitajiet distinti*.

59. Għalhekk, sabiex il-leġiżlazzjoni dwar ir-rimbors *ex officio* ma titlifx il-kontenut tagħha, jidhirli li huwa raġonevoli li jiġi impost fuq l-awtoritajiet doganali l-obbligu li jwettqu huma stess riċerki intiżi sabiex jistabbilixxu l-elementi essenzjali msemmija hawn fuq sabiex jagħmlu r-rimbors possibbli. Din l-interpretazzjoni hija bbażata wkoll fuq analiżi tal-verżjonijiet lingwistiċi differenti tal-espressjoni "l-awtoritajiet doganali *jikkonstataw huma stess*" [22] użata

[21] Il-"Linji Gwida dwar ir-rimbors u l-maħfra" (paġna 32) redatti mid-Direttorat Ġenerali tat-Tassazzjoni u Unjoni Doganali tal-Kummissjoni jindikaw biss li "l-awtoritajiet doganali għandu jkollhom *id-data kollha meħtieġa* sabiex jipproċedu għar-rimbors" mingħajr madankollu ma jispeċifikaw iktar.

[22] Ara l-verżjonijiet fil-lingwa Spanjola ("cuando las propias autoridades aduaneras descubran"), Daniża ("toldmyndighederne […] når de selv […] konstaterer"), Ġermaniża ("stellen die Zollbehörden selbst […] fest"), Ingliża ("where the customs authorities themselves discover"), Taljana ("se le autorità doganali constatano"), Litwana ("Jeigu muitinė per šį laikotarpį pati nustato"), Olandiża ("de douaneautoriteiten […] tot de vaststelling komen"), u Portugiża ("as próprias autoridades aduaneiras verifiquem").

mil-leġiżlazzjoni inkwistjoni, li tissuġġerixxi inizjattiva min-naħa tal-amministrazzjoni, jiġifieri *miżura ta' investigazzjoni maħsuba sabiex tinkiseb informazzjoni*. Fil-verżjoni Spanjola u dik Ingliża, tista' anki taqra b'mod espliċitu l-verb "tiskopri".

60. L-awtoritajiet nazzjonali għandhom is-setgħa li jwettqu kontrolli doganali bis-saħħa tal-leġiżlazzjoni fil-qasam doganali [23]. Minkejja dan, għandu jiġi spjegat li l-obbligu li jiġu stabbiliti l-fatti u li tittieħed azzjoni korrispondenti għandu *jiddependi mis-sitwazzjoni inkwistjoni*. Jiena naqbel mal-perspettiva tal-Gvern Franċiż u tal-Kummissjoni li, bħala regola, l-awtoritajiet doganali ma għandhomx ikunu obbligati jieħdu *miżuri sproporzjonati* sabiex jistabbilixxu l-identità tal-operaturi ekonomiċi u l-ammonti li għandhom jiġu rrimborsati. Madankollu, għandi nenfasizza li l-pożizzjoni tiegħi hija differenti f'dak li jirrigwarda l-konklużjonijiet li għandhom jiġu misluta minn din il-konstatazzjoni. Ir-rekwiżit ta' proporzjonalità jirrigwarda l-eżistenza ta' proporzjon raġonevoli bejn, minn naħa waħda, l-għan li jiġu rrimborsati d-dazji doganali riċevuti indebitament u, min-naħa l-oħra, l-isforz li l-amministrazzjoni doganali jkollha twettaq sabiex jintlaħaq dan l-għan. Il-proporzjonalità tal-azzjonijiet ta' awtorità doganali ma tistax tiġi evalwata *in abstracto*, iżda b'teħid inkunsiderazzjoni tas-sitwazzjoni speċifika li fiha jaqa' r-rimbors *ex officio*. B'hekk, sitwazzjoni iktar serja li tinvolvi iktar operaturi ekonomiċi tista' tirrikjedi miżuri iktar fil-fond mill-awtorità doganali, mingħajr ma dawn jidhru neċessarjament li huma sproporzjonati.

61. F'sitwazzjoni normali li tinvolvi importatur wieħed, il-verifika tal-identità tiegħu u tal-ammont li għandu jiġi rrimborsat sabiex isir ir-rimbors *ex officio* tidher bħala miżura raġonevoli u proporzjonata. Għaliex ma għandux ikun l-istess f'sitwazzjoni partikolari li tinvolvi diversi operaturi ekonomiċi affettwati minn applikazzjoni żbaljata tal-leġiżlazzjoni doganali minn amministrazzjoni? F'dan l-aħħar każ, il-fatt li konstatazzjoni li l-kundizzjonijiet għar-rimbors huma ssodisfatti tirrikjedi sforzi u riżorsi addizzjonali min-naħa tal-amministrazzjoni doganali hija konsegwenza naturali tal-gravità tas-sitwazzjoni li għaliha din l-amministrazzjoni għandha tirrimedja u minħabba f'dan ma għandhiex, għal din ir-raġuni biss, tkun ikkunsidrata bħala miżura sproporzjonata.

62. Ir-raġunijiet li wasslu għall-ġbir ta' ammonti żejda jistgħu wkoll ikunu fost *il-fatturi li għandhom jiġu kkunsidrati fl-evalwazzjoni tal-proporzjonalità ta' riċerki supplimentari* li għandhom isiru minn amministrazzjoni tad-dwana. B'hekk, il-fatt li hija kkontribwixxiet għall-ħlas żejjed billi applikat b'mod żbaljat il-leġiżlazzjoni doganali jitlob li din l-amministrazzjoni tieħu approċċ iktar proattiv sabiex tirrimborsa l-ħlas żejjed lill-operatur ekonomiku iktar milli approċċ ta' stennija fejn il-ħlas żejjed jiġi rkuprat biss jekk dan l-operatur jieħu l-inizjattiva. Barra minn hekk, nixtieq nenfasizza li, kuntrarjament għal dak li jissuġġerixxi l-Gvern Franċiż, nuqqas ta' rimbors *ex officio* mhux dejjem jista' jiġi kkumpensat bil-possibbiltà għal operatur ekonomiku li jsostni d-dritt tiegħu għar-rimbors. Fil-fatt, dan l-operatur mhux neċessarjament ikun jaf biċ-ċirkustanzi li jwasslu għar-rimbors u mhux dejjem ikun f'pożizzjoni li jressaq talba f'dan is-sens.

63. Fid-dawl ta' dawn l-elementi kollha u filwaqt li diliġenza ordinarja hija adegwata fi tranżazzjonijiet amministrattivi ta' kuljum, b'tali mod li l-amministrazzjoni ma tistax tiġi kkritikata li naqset mid-dover ta' diliġenza tagħha jekk żbalji fl-applikazzjoni tad-dritt doganali

[23] Albert, J.-L., *Le droit douanier de l'Union européenne*, Taqsima 4 ("Il-Ġestjoni tar-Riskju u tal-Frodi"), Namur 2019, p. 542 *et seq*., jispjega li l-kontroll doganali dejjem kien ikkunsidrat bħala wieħed mill-prerogattivi tal-amministrazzjoni tad-dwana.

jkunu ġew skoperti biss fil-qafas ta' kontrolli regolari [24], inqis li *l-ksur l-iktar gravi jeħtieġ miżuri addizzjonali* min-naħa tal-amministrazzjoni sabiex tiġi stabbilita l-portata eżatta tal-obbligu ta' rimbors. Fi kliem ieħor, il-miżuri li għandha tieħu l-amministrazzjoni doganali għandhom ikunu porporzjonali għall-gravità tas-sitwazzjoni.

64. Minkejja li l-evalwazzjoni tal-proporzjonalità tal-miżuri meħuda *in concreto* taqa' fuq il-qorti tar-rinviju, xorta jibqa' l-fatt li l-Qorti tal-Ġustizzja tista' tagħtiha indikazzjonijiet sabiex tippermettilha twettaq dan il-kompitu. F'dak li jirrigwarda dan il-każ, jiena nqis, kuntrarjament għall-opinjoni tal-partijiet ikkonċernati, li l-awtoritajiet Franċiżi ma wettqux dak kollu li kien neċessarju għall-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni doganali. Fl-opinjoni tiegħi, il-fatt li applikawha b'mod inkorrett *matul diversi snin konsekuttivi* [25], li wassal għal *konsegwenzi finanzjarji għal numru sinjifikattiv ta' impriżi*, hija ċirkustanza li kellha ġġiegħel lill-awtoritajiet Franċiżi jieħdu miżuri addizzjonali sabiex jirrimborsaw *ex officio* dazji doganali riċevuti indebitament. Ser nesponi l-perspettiva tiegħi fid-dettall iktar 'il quddiem.

65. Qabelxejn, għandu jiġi nnotat li, fit-23 ta' Jannar 1991, il-Kummissjoni ppubblikat l-Opinjoni motivata COM(90) 2042 final, li permezz tagħha, minn naħa waħda, hija kkonstatat li r-Repubblika Franċiża, billi talbet rekwiżit ta' rilaxx għal ċirkulazzjoni ħielsa għal merkanzija ġejja minn pajjiż terz u indirizzata lejn l-Andorra meta din taqsam it-territorju Franċiż, naqset mill-obbligi tagħha skont diversi dispożizzjonijiet tad-dritt Komunitarju u, min-naħa l-oħra, stiednet lill-awtoritajiet Franċiżi jikkonformaw ruħhom ma' din l-opinjoni motivata f'terminu ta' 30 jum. Barra minn hekk, mill-proċess li għandha quddiemha l-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li, fis-6 ta' Ġunju 1991, il-ministère de l'Économie, des Finances et du Budget (il-Ministeru għall-Ekonomija, għall-Finanzi u għall-Baġit, Franza) ippubblika, fil-*Ġurnal Uffiċjali tar-Repubblika Franċiża*, avviż għall-importaturi u għall-esportaturi li bih neħħa l-imsemmi rekwiżit ta' rilaxx għal ċirkulazzjoni ħielsa. Fl-opinjoni tiegħi, din ir-reazzjoni min-naħa tal-awtoritajiet Franċiżi għandha tinftiehem bħala ammissjoni effettiva ta' ksur tal-leġiżlazzjoni fil-qasam doganali u ta' xewqa li jikkonformaw ruħhom mar-rekwiżiti tad-dritt Komunitarju.

66. L-opinjoni motivata tal-Kummissjoni ma tħalli lok għal ebda dubju. Id-dazji riċevuti skont is-sistema għal ċirkulazzjoni ħielsa kienu kuntrarji għal-leġiżlazzjoni applikabbli u għalhekk ma kinux legalment dovuti. Għalhekk, jista' jiġi stabbilit li l-awtoritajiet doganali kienu informati b'mod ġenerali dwar dan, jew tal-inqas kienu jafu b'dan. Bl-istess mod, jista' jiġi preżunt li l-awtoritajiet doganali ddiskutew il-kwistjoni dwar l-eventwali rimbors, *ex officio* jew fuq talba, tad-dazji doganali riċevuti indebitament, iktar u iktar hekk kif il-leġiżlazzjoni doganali kienet tistipula *obbligu ġenerali ta' rimbors* meta l-kundizzjonijiet jkunu ssodisfatti, kif diġà indikajt f'dawn il-konklużjonijiet [26].

[24] Witte, P., *Zollkodex der Union (UZK)*, Munich 2022, Artikolu 116, punti 46 sa 48; Niestedt, M., *EU-Außenwirtschafts- und Zollrecht*, Munich 2024, Artikolu 116, punt 13, jispjegaw li l-awtoritajiet doganali ma humiex obbligati jeżaminaw kull każ individwali sabiex jistabbilixxu l-possibbiltà ta' rimbors. Tali obbligu ġenerali ta' spezzjoni jgħabbi żżejjed lill-awtoritajiet fid-dawl tan-numru kbir ta' tranżazzjonijiet doganali. Min-naħa l-oħra, l-awtoritajiet doganali huma obbligati jirrimborsaw jekk jiskopru fatti li jiġġustifikaw tali rimbors waqt *kontroll doganli, verifika esterna*, eċċ.

[25] Minkejja li din il-kawża tirrigwarda biss l-importazzjonijiet magħmula bejn l-1988 u l-1991, xorta jibqa' l-fatt li l-prassi tal-awtoritajiet doganali Franċiżi inkwistjoni tidher li bdiet ħafna iktar qabel. Fi kwalunkwe każ, dan jidher li hu dak li tissuġġerixxi l-opinjoni motivata tal-Kummissjoni, li tindika li din il-prassi hija bbażata fuq "Avviż għall-Esportaturi ta' Merkanzija lejn il-Widien ta' Andorra" ippublikat fl-1950, li ġie emendat fl-1974, fl-1978 u mbagħad fl-1983. Skont dan l-avviż, it-tranżitu lejn Andorra ta' merkanzija li ma kinitx tinsab fil-Komunità għal ċirkulazzjoni ħielsa kienet suġġetta għall-produzzjoni ta' awtorizzazzjoni speċjali mibgħuta mill-prefettura tal-Pirinej-Orjentali.

[26] Ara l-punt 43 ta' dawn il-konklużjonijiet.

67. Mill-komunikazzjoni uffiċjali tal-awtoritajiet Franċiżi dwar il-bidla fil-prassi amministrattiva tagħhom jirriżulta li dawn kienu konxji mill-ħtieġa li jipproteġu l-interessi ta' operaturi ekonomiċi kkonċernati billi jinformawhom espressament. F'dan il-kuntest, għandha tingħibed l-attenzjoni fuq il-fatt li l-awtoritajiet doganali huma suġġetti għal obbligu ta' komunikazzjoni, peress li, skont l-Artikolu 14(2) tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni, "għandhom *iżommu djalogu regolari mal-operaturi ekonomiċi* u ma' awtoritajiet oħra involuti fil-kummerċ internazzjonali tal-merkanzija". Din id-dispożizzjoni tipprevedi wkoll li l-awtoritajiet doganali "għandhom *jippromwovu t-trasparenza billi jagħmlu* l-leġislazzjoni doganali, *id-deċiżjonijiet amministrattivi ġenerali u l-formoli tal-applikazzjoni disponibbli* bla xkiel, fejn prattiku mingħajr ħlas, u permezz tal-Internet"[27]. Din id-dispożizzjoni tirrifletti *rekwiżiti ta' trasparenza u ta' pubblikazzjoni* proprju sabiex tiġi żgurata amministrazzjoni tajba. Għandu jiġi rrilevat li dawn kienu diġà fis-seħħ fil-livell tad-dritt internazzjonali ekonomiku meta seħħew il-fatti tal-kawża prinċipali[28]. B'hekk, jista' jiġi ddikjarat li, permezz ta' din il-komunikazzjoni uffiċjali, l-awtoritajiet doganali ssodisfaw l-obbligu *minimu* tagħhom li jagħtu informazzjoni relatata mal-leġiżlazzjoni applikabbli.

68. Madankollu, tali approċċ ċertament ma kienx suffiċjenti sabiex tiġi rrimedjata l-illegalità tas-sitwazzjoni li damet diversi snin, jiġifieri sabiex jiġi żgurat li l-impriżi kkonċernati mill-ksur tad-dritt tal-Unjoni imputabbli għall-awtoritajiet Franċiżi setgħu jiksbu rimbors. Fil-fatt, għandu jiġi nnotat li l-avviż ppubblikat mill-awtoritajiet Franċiżi kien limitat sabiex iħabbar it-tneħħija tar-rekwiżit tar-rilaxx għal ċirkulazzjoni ħielsa *għall-futur*, iżda ma stipula xejn dwar it-trattament ta' eventwali talbiet ta' impriżi li sofrew dannu finanzjarju *fil-passat*[29]. Dan l-avviż lanqas ma jsemmi xejn dwar il-possibbiltà għal dawn l-impriżi li jitolbu direttament mingħand l-awtoritajiet doganali informazzjoni dwar il-portata tal-ksur imwettaq minn dawn tal-aħħar, dwar il-possibbiltà li jikkontribwixxu għal kjarifika tal-fatti marbuta mat-tranżazzjonijiet doganali li jikkonċernawhom jew li jressqu, jekk ikun il-każ, talba għal rimbors.

69. Din il-komunikazzjoni uffiċjali ma tispjegax li din il-bidla fil-prassi amministrattiva tal-awtoritajiet doganali kienet fir-realtà dovuta għall-intervent tal-Kummissjoni li informathom dwar l-eżistenza ta' ksur tad-dritt tal-Unjoni. L-operaturi ekonomiċi li ma kinux ġew informati b'dawn l-avvenimenti għalhekk ma kinux f'pożizzjoni li jidentifikaw il-kawża ta' din il-bidla tal-prassi amministrattiva. Tali informazzjoni kienet indispensabbli sabiex tippermetti lill-impriżi kkonċernati jsostnu effettivament id-drittijiet tagħhom. Fin-nuqqas ta' miżuri addizzjonali, kien hemm riskju li uħud mill-impriżi jinjoraw l-opportunitajiet offruti lilhom.

4. Ir-rekwiżiti li jirriżultaw mill-prinċipju ġenerali ta' amministrazzjoni tajba

70. Tali approċċ jidhirli li huwa inkompatibbli mar-rekwiżiti li jirriżultaw mill-prinċipju ġenerali ta' amministrazzjoni tajba li l-awtoritajiet doganali għandhom josservaw meta jimplimentaw id-dritt tal-Unjoni[30]. B'mod partikolari, fl-opinjoni tiegħi, l-awtoritajiet Franċiżi kisru żewġ

[27] Enfasi miżjuda minni.

[28] Din id-dispożizzjoni timplimenta r-rekwiżiti tad-dritt internazzjonali, jiġifieri ftehim konklużi fil-qafas tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO), b'mod iktar speċifiku tal-punt 1 tal-Artikolu X, tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) u tal-Ftehim dwar il-Faċilitazzjoni tal-Kummerċ (AFE) (Witte, P., Zollkodex der Union, Munich 2022, Artikolu 14, punti 33 sa 35).

[29] Barra minn hekk, mill-proċess jirriżulta li l-Kummissjoni bdiet proċedura ta' ksur kontra r-Repubblika ta' Franza, li wasslet għal bidla fil-prassi amministrattiva tal-awtoritajiet doganali, wara ilment ippreżentat minn kummerċjant ta' prodotti li joriġinaw mill-Polonja u intiżi għall-Andorra.

[30] Ara s-sentenza tad-9 ta' Novembru 2017, LS Customs Services (C-46/16, EU:C:2017:839, punt 39).

obbligi essenzjali li l-osservanza tagħhom tikkaratterizza amministrazzjoni tajba, jiġifieri, minn naħa waħda, l-obbligu li *tiġġustifika d-deċiżjonijiet amministrattivi* u, min-naħa l-oħra, l-obbligu li tittratta b'mod ġust lill-amministrati [31].

71. Kif irrilevat il-Qorti tal-Ġustizzja fil-ġurisprudenza tagħha, l-obbligu ta' motivazzjoni tad-deċiżjonijiet adottati mill-awtoritajiet nazzjonali għandu importanza għal kollox partikolari, peress li *jagħmel id-destinatarju tagħhom fil-pożizzjoni li jiddefendi d-drittijiet tiegħu fl-aħjar kundizzjonijiet possibbli u li jiddeċiedi b'għarfien sħiħ tal-kunsiderazzjonijiet kollha involuti jekk huwiex utli li jippreżenta rikors kontra tagħhom*. Dan l-obbligu huwa wkoll neċessarju sabiex il-qrati jkunu jistgħu jeżerċitaw l-istħarriġ tal-legalità ta' dawn id-deċiżjonijiet [32]. Fl-opinjoni tiegħi, dan l-obbligu ta' motivazzjoni jidħol ukoll f'każ bħal dak inkwistjoni, fejn id-deċiżjoni tal-amministrazzjoni li tibdel il-prassi amministrattiva tagħha, li permezz tagħha din tammetti impliċitament ksur tad-dritt tal-Unjoni, *tiftaħ it-triq għal talbiet għal rimbors ta' dazji doganali riċevuti indebitament*. L-osservanza ta' dan ir-rekwiżit ta' motivazzjoni hija tant importanti li l-awtoritajiet doganali huma obbligati jwettqu tali rimbors u li japplika terminu ta' tliet snin [33].

72. Fil-fatt, jidhirli li jekk ma tingħatax motivazzjoni preċiża u ddettaljata mill-amministrazzjoni stess, li għandha l-konoxxenza tal-aspetti kollha fattwali u legali marbuta ma' dan il-ksur, ikun diffiċli jekk mhux impossibbli għal persuna kkonċernata li teżerċita ċertu drittijiet mogħtija mid-dritt tal-Unjoni, bħad-dritt għar-rimbors. Barra minn hekk, f'dan il-kuntest għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, meta d-dritt tal-Unjoni joħloq drittijiet għall-individwi, *għandu jkun żgurat li l-benefiċjarji jkunu f'pożizzjoni li jkunu jafu d-drittijiet kollha tagħhom u li jkunu jistgħu jiġu invokati*, jekk ikun il-każ, quddiem il-qrati nazzjonali [34]. Dan ir-rekwiżit huwa rilevanti b'mod partikolari *fir-relazzjoni bejn iċ-ċittadin u l-amministrazzjoni* inkwistjoni f'din il-kawża [35]. Issa, it-twettiq ta' tali għan jiġi kompromess b'mod serju jekk l-amministrazzjoni ma tagħtix informazzjoni essenzjali, bħall-okkorrenza ta' avveniment li jagħti lok għal dritt għal rimbors.

73. Barra minn hekk, għandu jitfakkar li l-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba jimplika wkoll l-obbligu li taġixxi b'mod ekwu. Il-prinċipju ta' ekwità huwa indispensabbli għall-ħolqien ta' klima ta' fiduċja u ta' prevedibbiltà fir-relazzjonijiet bejn l-individwi u l-amministrazzjoni [36]. Dan jinvolvi, b'mod partikolari, il-fiduċja fil-legalità tal-atti tal-amministrazzjoni [37]. Dan il-prinċipju huwa meqjus bħala kunċett wiesa' ħafna, li jikkostitwixxi l-bażi ta' prinċipji oħra tad-dritt amministrattiv tal-Unjoni, bħall-prinċipji ta' imparzjalità, ta' legalità, ta' aspettattivi leġittimi, ta' nondiskriminazzjoni u ta' ugwaljanza fit-trattament kif ukoll dak ta' proporzjonalità [38].

[31] Il-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba ma huwiex prinċipju ta' dritt amministrattiv uniku, iżda jgħaqqad diversi prinċipji, u jikkostitwixxi b'xi mod kunċett ġeneriku li jkopri l-prinċipji kollha tad-dritt amministrattiv jew ta' wħud minnhom. Kultant jintuża bħala sinonimu tal-prinċipji li jikkostitwixxu proċedura amministrattiva bbażata fuq l-osservanza ta' dritt. Il-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba jobbliga b'mod partikolari lill-awtoritajiet sabiex jirrimedjaw għall-iżbalji jew l-ommissjonijiet imwettqa, imexxu proċedura b'imparzjalità u oġġettività u jadottaw deċiżjoni f'terminu raġonevoli. Barra minn hekk, dan il-prinċipju jinkludi obbligu wiesa' ta' diliġenza u assistenza tal-awtorità, id-dritt tad-difiża, jiġifieri l-obbligu tal-uffiċjali li jagħtu lill-persuni ikkonċernati b'deċiżjoni l-opportunità li jagħmlu l-argumenti tagħhom, kif ukoll l-obbligu li jimmotivaw id-deċiżjoni (ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Trstenjak fil-Kawża Gorostiaga Atxalandabaso vs Il-Parlament, C-308/07 P, EU:C:2008:498, punt 89).

[32] Ara s-sentenza tad-9 ta' Novembru 2017, LS Customs Services (C-46/16, EU:C:2017:839, punt 40).

[33] Ara l-punt 50 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[34] Ara s-sentenzi tal-15 ta' Mejju 2014, Almos Agrárkülkereskedelmi (C-337/13, EU:C:2014:328, punt 21), u tad-9 ta' Marzu 2023, L-Istat Belġjan u Promo 54 (C-239/22, EU:C:2023:181, punt 28).

[35] Ara s-sentenzi tat-8 ta' Mejju 2019, PI (C-230/18, EU:C:2019:383, punt 57), u tas-7 ta' Settembru 2021, Klaipėdos regiono atliekų tvarkymo centras (C-927/19, EU:C:2021:700, punt 122).

[36] Lenaerts, K., "'In the Union we trust': Trust-enhancing principles of Community Law", *Common Market Law Review*, Vol. 41, nru 2, 2004, p. 337 *et seq*.

[37] Ara f'dan ir-rigward, Il-Parlament Ewropew, *Law of the Administrative Procedure of the European Union – European Added Value Assessment*, Octobre 2012, p. I-12.

[38] Wakefield, J., *The Right to Good Administration*, Alphen aan den Rijn 2007, p. 71.

74. F'dak li jirrigwarda dan il-każ, huwa evidenti li, minħabba l-fatt li l-amministrazzjoni ma tatx informazzjoni importanti dwar il-possibbiltà li titressaq talba għal rimbors, l-impriżi li kienu obbligati jħallsu indebitament dazji doganali qabel il-bidla fil-prattika tal-amministrazzjoni doganali kienu żvantaġġjati meta mqabbla mal-impriżi l-oħra. Min-naħa l-oħra, li kieku l-awtoritajiet Franċiżi kienu spjegaw pubblikament ir-raġunijiet li għaliha saret tali bidla fil-prattika amministrattiva, l-impriżi kollha kienu jiġu ttrattati b'mod ugwali. Għal din ir-raġuni, inqis li l-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament ma ġiex osservat f'dan il-każ.

75. F'din il-perspettiva, jidhirli li ma kienx sproporzjonat li l-awtoritajiet doganali jintalbu jagħtu informazzjoni addizzjonali u jistabbilixxu proċeduri adegwati li jippermettu r-rimbors ta' dazji doganali riċevuti indebitament. Tali approċċ jidher neċessarju fid-dawl tal-gravità tal-ksur tal-leġiżlazzjoni doganali, kemm f'termini ta' tul kif ukoll ta' daqs. Fil-fatt, mill-proċess jirriżulta li l-ksur dam diversi snin u li l-kummerċ kollu bejn Andorra u l-pajjiżi terzi jidher li kien affettwat minnu.

5. L-istatus tad-dritt għal rimbors fl-ordinament ġuridiku tal-Unjoni

76. Tali rekwiżit huwa iktar imperattiv jekk jiġi kkunsidrat l-istatus tad-dritt għar-rimbors fl-ordinament ġuridiku tal-Unjoni. F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li d-dispożizzjonijiet doganali relatati mar-rimbors tad-dazji riċevuti indebitament huma biss *l-espressjoni ta' prinċipju inerenti fid-dritt tal-Unjoni*, jiġifieri l-prinċipju ġenerali ta' rkupru ta' ħlas indebitu [39]. Fil-fatt, skont ġurisprudenza stabbilita ferm, "id-dritt li jinkiseb ir-rimbors ta' taxxi mħallsa fi Stat Membru bi ksur tar-regoli tad-dritt [tal-Unjoni] jirriżulta minn u jikkomplimenta d-drittijiet mogħtija lill-individwi mid-dispożizzjonijiet [tal-Unjoni] kif ġew interpretati mill-Qorti tal-Ġustizzja. Bħala prinċipju, għalhekk, l-Istat Membru huwa obbligat jirrimborsa t-taxxi mħallsa bi ksur tad-dritt [tal-Unjoni]" [40].

77. Barra minn hekk, minn ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li "kull persuna li tkun suġġetta għal miżuri amministrattivi li lilha awtorità nazzjonali tkun imponiet il-ħlas ta' taxxa, ta' dazju jew ta' soprataxxa oħra bi ksur tad-dritt tal-Unjoni, ikollha, skont dan tal-aħħar, id-dritt li tikseb mill-Istat Membru kkonċernat ir-rimbors tas-somma flus korrispondenti". Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, "tali persuna li tkun suġġetta għal miżuri amministrattivi għandha d-dritt, ukoll skont id-dritt tal-Unjoni, li tikseb mingħand dan l-Istat Membru mhux biss ir-rimbors tas-somma flus miġbura indebitament, iżda wkoll il-ħlas ta' interessi sabiex tiġi kkumpensata l-indisponibbiltà ta' din tal-aħħar". Il-Qorti tal-Ġustizzja tirrileva wkoll li "tali ksur jista' jirrigwarda kwalunkwe regola tad-dritt tal-Unjoni, kemm jekk tirrigwarda dispożizzjoni tad-dritt primarju jew tad-dritt sekondarju […], kif ukoll ta' prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni". Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li id-drittijiet għar-rimbors ta' ħlas mhux dovut u għall-ħlas tal-interessi jistgħu jiġu invokati fil-każ fejn il-ħlas ġie impost "b'applikazzjoni żbaljata ta' att tal-Unjoni" [41].

[39] Ara s-sentenza tat-28 ta' April 2022, Gräfendorfer Geflügel- und Tiefkühlfeinkost Produktions *et* (C-415/20, C-419/20 u C-427/20, EU:C:2022:306, punt 62).

[40] Ara s-sentenza tat-28 ta' Jannar 2010, Direct Parcel Distribution Belgium (C-264/08, EU:C:2010:43, punt 45). Waelbroeck, M., "La nature juridique du droit au remboursement des montants payés contrairement au droit communautaire", *Droit international, intégration européenne et libres marchés*, 2011, p. 161 *et seq.*, jispjega l-oriġini ta' din il-ġurisprudenza.

[41] Ara s-sentenza tat-28 ta' April 2022, Gräfendorfer Geflügel- und Tiefkühlfeinkost Produktions *et* (C-415/20, C-419/20 u C-427/20, EU:C:2022:306, punti 51, 52, 61, 63 u 64). Enfasi miżjuda minni.

78. Din il-ġurisprudenza ma hijiex ikkontestata minn ġurisprudenza oħra tal-Qorti tal-Ġustizzja li d-dispożizzjonijiet li jipprevedu r-rimbors għandhom jiġu interpretati b'mod ristrett sa fejn tali rimbors jikkostitwixxi eċċezzjoni għas-sistema normali tal-importazzjonijiet u tal-esportazzjonijiet [42]. Minbarra l-fatt li din il-ġurisprudenza għandha tinftiehem fis-sens veru tagħha, jiġifieri bħala tfakkira tal-prinċipju ta' legalità, li jipprevedi li l-amministrazzjoni ma hijiex awtorizzata taġixxi ħlief fil-każijiet speċifiċi ddefiniti mid-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari meta l-applikazzjoni ta' ċerti regoli doganali jġibu magħhom telf ta' riżorsi proprji għad-detriment tal-baġit tal-Unjoni [43], l-argumenti segwenti jmorru kontra interpretazzjoni ta' din il-ġurisprudenza fis-sens li teskludi dritt għal rimbors.

79. L-ewwel nett, għandu jiġi spjegat li l-interpretazzjoni sostnuta f'dawn il-konklużjonijiet ma hijiex intiża sabiex toħloq motiv addizzjonali għal rimbors applikabbli fil-każijiet kollha. Minflok, il-kwistjoni hija li għandu jiġi stabbilit x'inhi *l-portata tal-obbligi tal-awtoritajiet doganali skont it-tieni modalità* prevista mil-leġiżlazzjoni doganali, jiġifieri, meta dawn jipproċedu *ex officio* għar-rimbors wara li jkunu approvaw huma stess li ma jkun tnissel l-ebda dejn doganali.

80. It-tieni nett, kif diġà ġie rrilevat f'dawn il-konklużjonijiet, hemm obbligu ta' prinċipju għall-amministrazzjoni tar-rimbors tad-dazji doganali riċevuti indebitament. Interpretazzjoni stretta tar-regoli fir-rigward tar-rimbors tad-dazji doganali riċevuti indebitament ma tistax għalhekk tintuża bħala argument sabiex jiġi rrifjutat tali rimbors fil-każ fejn l-kundizzjonijiet legali huma ssodisfatti. Id-dispożizzjonijiet speċifiċi tad-dritt doganali għandhom pjuttost jiġu interpretati b'mod konformi mal-prinċipju ġenerali ta' rkurpu ta' ħlas indebitu, imsemmi preċedentament.

6. Konklużjonijiet intermedjarji

81. F'dawn il-konklużjonijiet, eżaminajt diversi aspetti legali marbuta mad-dritt ta' rimbors previst mid-dritt doganali, b'teħid inkunsiderazzjoni ta' ċirkustanzi speċifiċi tal-kawża. Abbażi ta' din l-analiżi, għandhom jiġu misluta xi konklużjonijiet intermedjarji sabiex tingħata risposta lill-qorti tar-rinviju.

82. L-ewwel nett, ġie stabbilit li r-rimbors tad-dazji doganali riċevuti indebitament jirrikjedi (i) li titressaq talba fit-terminu ta' tliet snin previst mil-leġiżlazzjoni doganali jew (ii) li l-awtoritajiet jikkonstataw huma stess f'dan it-terminu li dawn id-dazji ma kinux legalment dovuti. Madankollu, ma huwiex neċessarju li dan ir-rimbors isir fl-imsemmi terminu. Jekk waħda minn dawn il-kundizzjonijiet hawn fuq tkun issodisfatta fi żmien utili, l-imsemmi rimbors jista' jsir wara l-iskadenza tal-istess terminu [44].

83. It-tieni nett, ġie stabbilit li sabiex l-awtoritajiet doganali jkunu jistgħu jipproċedu b'rimborsi, huwa neċessarju li jistabbilixxu, fost l-oħrajn, l-identità tal-impriżi kkonċernati kif ukoll l-ammonti li għandhom jiġu rrimborsati. Madankollu, l-awtoritajiet doganali ma għandhomx jibqgħu passivi, iżda għandhom jieħdu huma stess l-inizjattiva f'każ ta' ksur serju tal-leġiżlazzjoni doganali jew ta' irregolaritajiet. Konsegwentement, l-awtoritajiet doganali għandhom ikunu

[42] Ara s-sentenza tal-14 ta' Ġunju 2012, CIVAD (C-533/10, EU:C:2012:347, punt 24).

[43] Id-dħul mid-dazji tat-tariffa doganali komuni jikkostitwixxi riżorsi proprji tal-Unjoni li jingabru mill-Istati Membri u jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni. Min-naħa tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li huma l-Istati Membri li għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex jiżguraw il-ġbir effettiv u integrali tad-dazji doganali (ara s-sentenza tal-11 ta' Lulju 2019, Il-Kummissjoni vs L-Italja (Riżorsi proprji – Irkupru ta' dejn doganali), C-304/18, EU:C:2019:601, punti 49 u 50).

[44] Ara l-punti 42 sa 54 ta' dawn il-konklużjonijiet.

f'pożizzjoni li jieħdu l-miżuri adattati għas-sitwazzjoni, inklużi investigazzjonijiet, u li jikkooperaw *in bona fede* mal-impriżi kkonċernati sabiex jiżguraw l-eżerċizzju tad-drittijiet tagħhom [45].

84. It-tielet nett, jekk, skont l-evalwazzjonijiet tal-qorti tar-rinviju, ir-rimbors ta' dazji doganali riċevuti indebitament ma huwiex iktar possibbli, pereżempju, minħabba l-iskadenza tat-terminu ta' tliet snin previst mil-leġiżlazzjoni doganali, din il-qorti tista' teżamina, fuq it-talba tar-rikorrenti prinċipali, jekk il-kundizzjonijiet ta' danni għall-ksur tad-dritt tal-Unjoni humiex ssodisfatti f'dan il-każ.

VI. Konklużjoni

85. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi bil-mod segwenti għad-domandi preliminari mressqa mill-Cour de cassation (France) (il-Qorti tal-Kassazzjoni, Franza):

L-Artikolu 2(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1430/79 tat-2 ta' Lulju 1979 dwar ir-rimbors jew il-maħfra tad-dazji fuq l-importazzjoni jew l-esportazzjoni, riprodott mit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 236(2) tar-Regolament (KEE) tal-Kunsill Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità,

għandu jiġi interpretat fis-sens li,

sabiex l-awtoritajiet doganali jkunu jistgħu jirrimborsaw *ex officio* dazji doganali riċevuti indebitament, dawn għandhom ikunu kkonstataw f'terminu ta' tliet snin mid-data tad-dħul fil-kontijiet ta' dawn id-dazji, li l-imsemmija dazji ma kinux legalment dovuti. Sabiex ir-rimbors ikun jista' jsir, din il-konstatazzjoni għandha tinkludi l-identità tal-operaturi kkonċernati u l-ammonti li għandhom jiġu rrimborsati lil kull wieħed minnhom. Ir-riċerki għal dawn il-finijiet għandhom ikunu proporzjonati għall-gravità tas-sitwazzjoni li l-awtorità kompetenti għandha tirrimedja.

[45] Ara l-punti 55 sa 75 ta' dawn il-konklużjonijiet.